TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Silvan John Baldacchino**

**Vs**

**Ennebi Furniture Ltd**

CCT 185/23/CC

Illum 6 ta' Frar, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fid-9 ta' Ottubru 2023, fejn talab hlas ta' l-ammont ta' €700 (seba' mitt ewro) rapprezentanti ammont relatat ma' difett li hareg fi kcina li huwa xtara minghand is-socjeta intimata. Dan l-ammont gie in segwitu emendat ghal €767 (seba' mija u seba' u sittin ewro), u l-ammont kif emendat huwa kkonfermat minn stima prodotta mill-attur.

Ra li s-socjeta intimata Ennebi Furniture Ltd debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezentat l-ebda risposta u ghalhekk hija fi stat ta' kontumacja.

Illi fis-seduta skedata ghal produzzjoni tal-provi, deher biss l-attur.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-attur u lix-xhud prodott minnu jixhdu bil-gurament fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2024.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li f'Marzu 2021 r-rikorrenti xtara kcina minghand is-socjeta intimata, liema kcina zviluppat difett fil-wicc tal-bank, f'inqas minn xahar mid-data ta' l-installazzjoni. Ir-rikorrenti jispjega li minnufih huwa kkuntatja lis-socjeta intimata, fejn rapprezentant ta' l-istess socjeta intimata ftiehem mar-rikorrenti li kienet ser issir konsenja f'data specifika. Ir-rikorrenti da parti tieghu, peress li l-propjeta tieghu ma tinsabx fi plan terran, inkariga 'lifter', izda l-konsenja hekk kif miftehma mas-socjeta intimata ma sehhitx.

Sussegwentement kompla l-iskambju ta' messaggi bejn ir-rikorennti u r-rapprezentant tas-socjeta intimata, izda wara xi zmien ir-rikorrenti ma ircieva l-ebda twegiba mis-socjeta intimata, u ghalhekk iddecieda li jipprocedi ulterjorment.

Illi r-rikorrenti ipproduca fl-atti ta' dawn il-proceduri l-iskambju ta' messaggi bejnu u r-rapprezentant tas-socjeta intimata, kif ukoll ipprezenta kwotazzjoni mahruga mis-socjeta 'Azeta Ltd', relatata ma' xoghol mehtieg sabiex id-difettt fil-kcina jigi rimedjat.

Illi l-kwotazzjoni giet debitament ikkonfermata bil-gurament minn Kurt Zarb, fil-kapacita tieghu ta' direttur tas-socjeta Azeta Ltd, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2024.

Da parti taghha, is-socjeta intimata tinsab fi stat ta' kontumacja, u ma dehritx sabiex tiggustifika l-istat ta' kontumacja taghha.

Illi t-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti u x-xhud prodott minnu jixhdu bil-gurament fis-seduti tat-12 ta' Dicembru 2023, u tat-23 ta' Jannar 2024, u wara li ra d-dokumenti ezebiti mir-rikorrenti, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mir-rikorrent ghandha timmerita konferma.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li r-rikorrent irnexxielu jipprova l-istanza tieghu sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnu ghandha tigi milqugha, b'dan li s-socjeta intimata ghandha thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €767 (seba' mija u sitta' u sebghin ewro), u dan sabiex ir-rikorrenti iwettaq ix-xoghlijiet necessarji fil-kcina.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mir-rikorrent, u jordna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta'€767 (seba' mija u sitta' u sebghin ewro) sabiex ir-rikorrenti iwettaq ix-xoghlijiet rimedjali fil-kcina.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru